MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**

**SILVIO MELI**

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2015

Rikors Numru. 39/2013

**Adela Mariana Creta**

**vs**

**Avukat Generali, Kummissarju tal-Pulizija,**

**u Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti datat l-5 ta' Gunju, 2013, li permezz tieghu sintetikament esponiet is-segwenti:

1.1 Illi kienet mizmuma fil-Facilita` indikata fl-okkju u ghalhekk ipprivata mill-liberta` personali taghha, mill-5 t'Awwissu, 2009, sat-2 t'Ottubru, 2011, u dan, in konnessjoni ma' proceduri kriminali mehuda kontra taghha;

1.2. Illi tul il-perjodu fuq indikat ir-rikorrenti ppruvat tottjeni l-liberta` provizorja izda ma rnexxiliex;

1.3. Illi b'sentenza fl-ismijiet *The Republic of Malta vs Adela Mariana Creta* datata l-10 ta' Frar, 2012, ir-rikorrenti kienet liberata minn kull imputazzjoni indirizzata fil-konfront taghha;

1.4. Illi konsegwenza tas-suespost, ir-rikorrenti giet mizmuma fl-imsemmija Facilita` ghal tmin mija u disgha u erbghin, (849), gurnata;

1.5. Illi ghalhekk inkissru d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti *stante* li giet dikjarata mhux hatja tal-akkuzi dedotti kontra taghha;

1.6. Illi matul l-imsemmi perjodu r-rikorrenti ma setghatx tahdem u tiggenera kwalsiasi qliegh, u ghalhekk sofriet danni;

1.7. Illi tramite ittra ufficjali datata l-20 ta' Novembru, 2012, ir-rikorrenti sejhet lill-intimati jew min minnhom, li kienu

responsabbli ghall-ksur tad-dritt fundamentali taghha ghall-liberta` personali u ghad-detenzjoni inutili, biex jersqu ghal likwidazzjoni u hlas ta' danni lilha kkagunati;

1.8. Illi nonostante dan, l-intimati baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

1.9. Illi ghaldaqstant, aderiet din il-qorti biex l-intimati jghidu ghaliex din m'ghandiex:

1.9.1. Tiddikjara li d-detenzjoni taghha tikser id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanciti mill-artikli 5 u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u mill-artiklu 1 tar-Raba` Protocol ta' l-istess Konvenzjoni;

1.9.2. Tiddikjara li l-intimati jew min minnhom kkawgunaw danni lir-rikorrenti meta zammewha fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin priva mill-liberta` personali taghha inutilment ghal perjodu ta' tmin mija u disgha u erbghin, (849), jum;

1.9.3. Tillikwida d-danni hekk sofferti mir-rikorrenti;

1.9.4. Tordna lill-intimati, jew min minnhom, ihallsu lir-rikorrenti l-kumpens xieraq, ossia d-danni hekk likwidati li hi sofriet ghall-privazzjoni illegali tal-liberta` personali taghha skont l-artiklu 5 (5) ta' l-istess Konvenzjoni;

1.9.5. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur, inkluzi l-imghaxijiet legali minn hemm dovuti, kontra l-istess intimati jew min minnhom;

2.0. Rat ir-risposta tal-intimati datata l-24 ta' Gunju, 2013, li permezz taghha, sintetikament esponew is-segwenti:

2.1. Illi l-intimat Direttur tal-Facilita` Korrettiva involuta gie imharrek inutilment billi:

2.1.1. Id-detenzjoni tar-rikorrenti qabel il-guri ma kienitx gejja minn xi decizjoni jew minn ghemil tieghu;

2.1.2. Illi l-istess detenzjoni tar-rikorrenti kienet rizultat ta' akkuzi kriminali indirizzati lilha mill-Avukat Generali;

2.1.3. Illi l-imsemmija decizjoni tal-Avukat Generali kienet rizultat tas-sehem tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-qorti kompetenti li poggiet lir-rikorrenti fi stat t'arrest preventiv;

2.1.4. Illi ghalhekk, l-imsemmi intimat Direttur ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju *stante* li mhux il-legittimu kontradittur;

2.2. Illi rigward l-ilment indirizzat fil-konfront tal-artiklu 5 (5) tal-Konvenzjoni in dizamina sintetikament jinghad is-segwenti:

2.2.1. Illi persuna ghanda dritt esegwibbli ghal kumpens biss jekk l-arrest jew detenzjoni involuti jirrizultaw li saru bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-istess artiklu 5;

2.2.2. Illi ghalhekk jirrizulta imperattiv li lanjant li jistrieh fuq tali artiklu biex jistrappa xi kumpens fir-rigward, jinhtieg li juri li c-cahda tal-liberta` tieghu ma kienitx

taqa` taht wahda mic-cirkostanzi msemmija fl-artiklu 5 (1) ta’ l-istess Konvenzjoni;

2.2.3. Illi fil-kaz in dizamina z-zamma tar-rikorrenti fil-Facilita` fuq riferita kienet tinkwadra perfettament fl-artiklu 5 (1) (c) ta’ l-istess Konvenzjoni;

2.2.4. Illi effettivament l-arrest *de quo* sehh biex ir-rikorrenti tingieb quddiem qorti *stante* li kien hemm suspett ragonevoli li hi kienet wettqet reati konnessi mat-traffikar u pussess ta’ droga;

2.2.5. Illi ghalhekk id-detenzjoni tar-rikorrenti kienet gustifikabbli u permissibbli;

2.2.6. Illi ghalhekk ukoll ir-rikorrenti m’ghandha l-ebda jedd ghall-kumpens kif minnha mitlub *ai termini* tal-artiklu 5 (5) tal-istess Konvenzjoni;

2.3. Illi nonostante li mat-tmiem tal-proceduri kriminali mehuda kontra r-rikorrenti, l-istess kienet giet mehlusa minn kull akkuza, dan ma jfissirx li allura:

2.3.1. Id-detenzjoni precedenti ghall-istess dikjarazzjoni ta’ nuqqas ta’ htija kienet wahda illegali jew arbitrarja;

2.3.2. Illi l-artiklu 5 tal-istess Konvenzjoni ma jistabbilix li persuna mizmuma b’arrest preventiv ikollha jedd ghal kumpens awtomatiku jekk tigi liberata fit-tmiem tal-proceduri kriminali indirizzati fil-konfront taghha;

2.3.3. Illi l-fatt li persuna tkun hekk liberata ma jinnewtralizzax is-suspett ragonevoli li minhabba fih tkun issubiet il-proceduri kriminali indirizzati kontra taghha;

2.3.4. Illi in effetti l-grad ta’ prova fir-rigward hu wiehed differenti *stante* li:

2.3.4.i. Biex persuna tinzamm arrestata qabel il-proceduri kriminali hu mehtieg biss li jkun hemm *suspett ragonevoli* ta' twettieq ta' reat;

2.3.4.ii. Biex persuna tinstab hatja ta' reat lilha addebitat hu mehtieg li l-provi jkunu assodati 'l fuq minn *dubbju dettat mir-raguni*;

2.4. Illi tul il-perjodu kollu tal-proceduri kriminali, senjatament mill-5 t'Awwissu, 2009 sat-2 t'Ottubru, 2011, ir-rikorrenti qatt m'opponiet ghas-sitwazzjoni li sabet ruhha fiha;

2.5. Illi *di piu`* jirrizulta verbalizzat fl-atti tal-prezentata tar-rikorrenti bil-proceduri kriminali mehuda fil-konfront taghha u qatt ma gie sostitwit sa tmiem il-proceduri involuti li:

"The defence does not contest the validity of the arrest", (ara foll 19);

2.6. Illi rizultat tal-istess ghandu jkun pacifiku li:

2.6.1. Ir-rikorrenti mhux biss kienet tifhem li l-arrest taghha ma kienx wiehed kappriccuz;

2.6.2. Izda effettivament dan l-arrest kien wiehed legali u gustifikat;

2.7. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li l-arrest inizjali tar-rikorrenti kien ibbazat fuq *suspett ragonevoli ai termini* tal-artiklu 5 (1) (c) tal-Konvenzjoni in dizamina;

2.8. Illi rigward il-kontinwazzjoni tad-detenzjoni tar-rikorrenti sat-tmiem tal-procedura kriminali fuq riferita, jinghad sintetikament is-segwenti:

2.8.1. Illi jumejn (2) wara l-arrest tar-rikorrenti hi kienet giet regolarment imressqa l-qorti quddiem il-Magistrat ta' l-Ghassa;

2.8.2. Illi sussegwentement il-proceduri kriminali mehuda fil-konfront tal-istess rikorrenti mxew b'certa celerita`;

2.8.3. Illi l-ewwel darba li r-rikorrenti talbet biex tinghata helsien mill-arrest kien fil-5 ta' Lulju, 2011;

2.8.4. Illi fl-imsemmi perjodu, il-kumpilazzjoni kienet gia` maghluqa u kien gia` inhareg l-Att t'Akkuza;

2.8.5. Illi rinfaccjata b'tali inattivita` da parti taghha, r-rikorrenti ma tistax tilmenta li inkissru d-drittijiet fundamentali taghha;

2.8.6. Illi *di piu`*, il-Qorti Kriminali kienet ikkoncediet il-helsien personali mitlub mir-rikorrenti mill-ewwel, kif jirrizulta mid-digriet datat is-6 ta' Lulju, 2011, (ara foll 16);

2.8.7. Illi ghalhekk ghandu jkun ukoll pacifiku li l-ebda qorti ma cahdet lir-rikorrenti mill-liberta` provizorja taghha meta hi talbet li tinghata tali liberta`;

2.8.8. Illi lanqas jista` jigi ritenut ghalhekk li l-kontinwazzjoni tal-arrest tar-rikorrenti kien wiehed arbitrarju jew kappriccuz, u dan, *stante*:

2.8.8.i. Il-gravita` tar-reati addebitati lir-rikorrenti;

2.8.8.ii. Il-fatt li r-rikorrenti ma kellha l-ebda rabta ekonomika, familjari jew socjali ma' Malta;

2.8.8.iii. Illi kien ghalhekk tezisti l-possibilita` reali li r-rikorrenti tipprova tahrab minn Malta u ma

tattendix ghall-proceduri kriminali indirizzati fil-konfront taghha;

2.9. Illi ghalhekk ma jirrizulta li hemm l-ebda vjolazzjoni tal-artiklu 5 tal-Konvenzjoni fuq riferita;

2.10. Illi dwar l-allegat tal-ksur ghad-dritt ta' smiegh xieraq taht l-artiklu 6 tal-istess Konvenzjoni, jinghad sintetikament is-segwenti;

2.10.1. Illi r-rikorrenti ma tipprecizax b'liema mod giet imcahhda minn smiegh xieraq;

2.10.2. Illi in vista tal-premess din il-qorti ghandha allura tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-istess ilment;

2.10.3. Illi *di piu`*, l-intimati jsostnu li l-proceduri kriminali indirizzati fil-konfront tar-rikorrenti ma jirrizultawx imtappna b'xi vjolazzjoni kontemplata fl-imsemmi artiklu 6;

2.10.4. Illi ghalhekk ukoll, l-imsemmi ilment ghandu jigi respint;

2.11. Illi rigward l-ilment koncernanti l-ewwel artiklu tar-Raba` Protokol tal-imsemmija Konvenzjoni, jinghad sintetikament is-segwenti:

2.11.1. Illi dan l-ilment tar-rikorrenti hu wiehed fieragh u barra minn loku;

2.11.2. Illi r-rikorrenti ma gietx imcahhda mill-liberta` taghha minhabba li naqset li twettaq xi obbligazzjoni kontrattwali jew ghaliex ma hallsitx xi dejn civili;

2.11.3. Illi r-rikorrenti inzammet fil-Facilita` fuq riferita ghaliex kienet mixlija b'reati ta' natura serja u mhux kif minnha hawn superficjalment allegat;

2.11.4. Illi ghalhekk l-invokazzjoni tal-Protokol in dizamina hi insostenibbli u ghandha ghalhekk tigi michuda;

2.12. Illi in vista tal-premess, din il-qorti ghandha tirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti;

3. Semghet ix-xhieda prodotta;

4. Rat id-digriet taghha datat il-11 ta' Frar, 2014, li permezz tieghu, fuq talba tal-abbli rapprezentant legali tal-partijiet, awtorizzat il-prezentazzjoni tal-process kriminali involut fl-atti ta' din il-procedura, (ara foll 32);

5. Rat il-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tar-rikorrenti datat it-3 ta' Gunju, 2014, li permezz tieghu iddikjara li ma kellux aktar provi x'jipproduci, (ara foll 47);

6. Rat il-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tal-intimati datat it-18 ta' Gunju, 2014, li permezz tieghu iddikjara li ma kellux aktar provi x'jipproduci, (ara foll 52);

7. Rat id-digriet datat is-27 ta' Gunju, 2014, li permezz tieghu, fuq talba tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` hemm indikata, (ara foll 58);

8. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati datata l-1 t'Ottubru, 2014, (ara foll 59), flimkien ma dik sottomessa mir-rikorrenti datata l-10 t'Ottubru, ta' l-istess sena, (ara foll 70);

9. Rat il-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tar-rikorrenti datat it-22 t'Ottubru, 2014, li permezz taghha ddikjara li kien qed jistrieh fuq in-nota ta' sottomissjonijiet minnu pprezentata, (ara foll 78);

10. Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

11. Ezaminat it-trattazzjoni orali finali tal-abbli rapprezentant legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

12.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament esposti bil-mod segwenti:

12.1. Illi r-rikorrenti giet arrestata fit-3 t'Awwissu, 2009, meta ghall-habta tal-11.00p.m., wara tfitxija fil-bagalja li ir-rikorrenti kellha maghha fit-titjira lejn Malta minn Brussels, instab li kellha qiegh falz u madwar kilo eroina f'pakkett imgezwer fit-tejp ta' valur ta' madwar wiehed u erbghin elf sitt mija u hamsa u tmenin Ewro u ghoxrin centezmu, (€41,685.20), (ara foll 60);

12.2. Illi fil-5 t'Awwissu, 2009, l-istess rikorrenti giet debitament imressqa b'arrest il-qorti biex tiffaccja l-akkuzi lilha addebitati;

12.3. Illi fl-istess prezentata r-rikorrenti, debitament assistita ivverbalizzat is-segwenti:

> "The defence does not contest the validity of the arrest";

12.4. Illi ma jirrizultax li kien hemm zmien mitluf fil-kumpilazzjoni sussegwenti;

12.5. Illi in effetti l-ewwel darba li jirrizulta li r-rikorrenti ghogobha titlob il-helsien mill-arrest preventiv kien biss fil-5 ta' Lulju, 2011, liema talba intlaqghet mill-Qorti Kriminali l-ghada ta' l-istess rikors, (ara foll 16);

12.6. Illi r-rikorrenti giet rilaxxata fit-2 ta' Dicembru, 2011, wara li ssodisfat il-kondizzjonijiet kollha fuqha imposti;

12.7. Illi wara guri mizmum bejn is-6 ta' Frar u l-10 ta' Frar tal-2012, ir-rikorrenti ma nstabitx hatja tal-akkuzi addebitati lilha, u ghalhekk giet liberata;

Ikkunsidrat:

13.0. Illi rigward il-prezenza tal-intimat Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin jinghad sintetikament is-segwenti:

13.1. Illi ghandu jkun pacifiku li l-imsemmi intimat Direttur hu parti passiva fl-iter fattwali rizultanti;

13.2. Illi l-istess Direttur jirrizulta li hu sottomess ghad-decizjonijiet kurjali u m'ghandu l-ebda alternattiva hlief li jobdi l-istess direttivi lilhu legittimament moghtija;

13.3. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li l-imsemmi intimat Direttur hu kompletament estraneu ghall-operat in dizamina;

**DECIDE:**

14. Illi in vista tal-premess, tiddikjara lill-intimat Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin bhala estraneu ghall-akkadut u ghalhekk, tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju;

Ikkunsidrat:

15.0. Illi fir-rigward tal-allegazzjoni tar-rikorrenti li kien hemm ksur tal-artiklu 5 tal-Konvenzjoni *de quo* fil-konfront taghha, jinghad sintetikament is-segwenti:

15.1. Illi dan l-artiklu sintetikament jipprotegi d-dritt tal-liberta` u tas-sigurta` tal-individwu;

15.2. Illi in effetti hu hemm ribadit li hadd m'ghandu jkun privat mill-liberta` tieghu jekk mhux fil-kazijiet u skont il-proceduri stabbiliti fil-ligi u kif provdut tassattivament fis-subartiklu anness mall-artiklu 5 (1) tal-istess Konvenzjoni *de quo* (ara **Saadi vs ir-Renju Unit, datat 29 ta' Jannar, 2008**);

15.3. Illi skont is-subartiklu (c) tal-artiklu 5 (1) riferit fil-paragrafu precedenti jirrizulta legittimu li wiehed jigi mcahhad mill-liberta` personali tieghu jekk:

> “l-arrest jew detenzjoni ... tkun mehtiega biex ... jingieb quddiem l-awtorita` legali kompetenti minhabba li jkun hemm suspett ragonevoli li ... jkun wettaq reat”;

15.4. Illi jirrizulta assodat li l-Pulizija u l-Ufficjali tad-Dwana stazzjonati l-ajruport qabbdu lir-rikorrenti diehla Malta b’valiggja kontenenti qiegh falz li fih kien hemm il-kwantita` ta’ eroina indikata aktar qabel, (ara paragrafu numru tnax punt wiehed, (12.1.));

15.5. Illi ghandu jkun pacifiku li sejba ta’ droga f’tali cirkostanzi zgur tikkwalifika f’*suspett ragonevoli*, anke kif deskritti fil-kaz **Joseph Attard vs Kummissarju tal-Pulizija**, deciz mill-**Qorti Kostituzzjonali** fil-**31 ta’ Lulju, 1998**, senjatament:

> “Suspett ragonevoli jista` jkun bazat fuq cirkostanzi li jkunu inammissibbli bhala prova, bhal per ezempju, *hearsay*, jew fuq l-antecedenti penali ta’ dak li jkun. Jista` jkun bazat fuq drawwiet jew abitudnijiet tan-nies, jew ta’ xi kategorija ta’ nies, jew ta’ xi post partikolari. Kif jinghad, kollox jiddependi fuq ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz”;

15.6. Illi *di piu`*, il-kaz **Fax, Campbell u Hartley vs ir-Renju Unit (1990)**, il-**Qorti Ewropea** stabbiliet li c-cirkostanzi li jwasslu ghal suspett ragonevoli huma dawk bhal:

> "... facts or information which would satisfy an objective observer that the person concerned may have committed the offence ... The arresting person does not need to be certain that an offence has in fact been commmited";

15.7. Illi ghalhekk, tenut kont tas-sitwazzjoni kif evolviet fl-ajruport meta r-rikorrenti inqabdet mill-awtoritajiet kompetenti fil-pussess ta' kwantita` ta' droga li zgur ma kienitx ghall-uzu personali taghha u mohbija f'qiegh falz tal-valiggja taghha, dan kollu kien jimmilita favur il-holqien ta' suspett ragonevoli ta' l-ezistenza ta' reat serju f'mohh l-investigaturi, u f'mohh l-ufficjali prosekuturi u gudizzjarji involuti fl-akkadut;

15.8. Illi l-ekwiparazzjoni *da parte* tar-rikorrenti tal-fatt li ma instabitx hatja tal-akkuzi addebitati lilha mal-ilment taghha li allura nkisrulha d-drittijiet fundamentali taghha, ma treggix;

15.9. Illi kif ritenut mill-**Qorti Kostituzzjonali** fil-kaz fl-ismijiet **Av. Jose` A. Herrera nomine vs Avukat Generali et, datat it-13 t'April, 2011**:

> "... l-fatt li l-appellant gie liberat mill-Qorti tal-Appell Kriminali ma jfissirx li l-arrest tieghu originarjament kien illegali u dan ghaliex l-artiklu 5 (1) (c) jirrikjedi biss li l-awtoritajiet ikollhom suspett ragonevoli fil-mument tal-arrest ta' persuna li setghet ikkommettiet ir-reat. Ghalhekk taht dan l-aspett, l-appellant ma jistax jitlob kumpens";

15.10. Illi ghalhekk, fid-dawl tas-suespost, il-fatt li r-rikorrenti giet illiberata fil-guri in dizamina ma jinnewtralizzax is-suspett ragonevoli li konsegwenza tieghu kienet imresqa l-

qorti biex tiffaccja l-imputazzjonijiet hemm dedatti kontra taghha;

15.11. Illi kif stabbilit mill-Qorti Ewropea fis-sentenza **Meinrad Calleja vs Malta, datata s-7 t'April, 2005**:

> "... the fact that an applicant has not been convicted does not necessarily mean that the purpose of his detention was not in accordance with article 5 (1) (c). The existence of such a purpose must be considered independently of its achievement and sub-paragraph (c) of Article 5 (1) does not presuppose that the police should have obtained sufficient evidence for a verdict of guilt, either at the point of arrest or while the applicant was in custody";

15.12. Illi ghalhekk id-dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' htija fi tmiem il-procedura legali interposta ma tirrendix l-arrest konsegwenti ghal *suspett ragonevoli* illegittimu jew illegali;

15.13. Illi ghandu ghalhekk ikun pacifiku li ir-responsabbilita` kriminali t'akkuzat hi separata u distinta mill-protezzjoni tas-socjeta` mir-riskji ghall-interess pubbliku insiti fl-operat meqjus li jaghti lok ghall-konkluzjoni li jezisti allura suspett ragonevoli ta' reat;

Ikkunsidrat:

16.0. Illi superata l-fazi inizzjali tal-procedura kriminali issa jmiss li tigi sintetikament indirizzata l-fazi procedurali li fiha r-rikorrenti baqghet fi stat t'arrest;

16.1. Illi preliminarjament jigi ribadit li r-rikorrenti mhux biss m'oggezzjonatx ghall-arrest originali taghha, izda lanqas biss indirizzatu qabel it-trapass ta' kwazi sentejn (2) wara li l-kumpilazzjoni gia` kienet konkluza u kien gia` inhareg l-att t'akkuza relattiv;

16.2. Illi *di piu`* nonostante li r-rikorrenti inghatat il-liberta` provizorja fis-6 ta' Lulju, 2011, jirrizulta li uzufruwiet ruhha mill-istess xhur wara tali digriet;

Ikkunsidrat:

17.0. Illi tenut kont tas-suespost, ghandu jigi wkoll rilevat is-segwenti:

17.1. Illi l-proceduri mehuda fil-konfront tar-rikorrenti ma jirrizultawx li hadu fit-tul;

17.2. Illi jirrizulta li effettivament dawn il-proceduri kienu inizjati f'Awwissu 2009, u intemmu b'guri fi Frar, 2012;

17.3. Illi ghalhekk ma jistax jigi ritenut li l-procedura in dizamina ma saritx fi zmien ragonevoli;

Ikkunsidrat:

18. Illi l-uniku talba introdotta mir-rikorrenti biex tinghata l-liberta` provizorja jirrizulta li saret fil-5 ta' Lulju, 2011, liema talba intlaqghet l-ghada, (ara foll 16);

19. Illi effettivament jirrizulta li nonostante dan ir-rikorrenti inhellset mill-arrest fit-2 ta' Dicembru, 2011, u dan, ghaliex damet ma tiddepozita l-ammont fuqha impost ghall-helsien mill-arrest taghha;

**DECIDE:**

20. Illi in vista tas-sintesi fuq elenkat ghandu jkun pacifiku li fid-dawl tas-suspett ragonevoli fuq riskontrat, fin-nuqqas t'attivita` *da parte* tar-rikorrenti ghaz-zmien twil fuq indikat, ma jirrizultax li r-rikorrenti ssubiet xi vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali taghha kif minnha allegat, u konsegwentement tirrespingi t-talba appozita tar-rikorrenti;

Ikkunsidrat:

21.0. Illi ghal dak li jirrigwarda l-ilment tar-rikorrent fil-konfront tal-artiklu 6 tal-Konvenzjoni *de quo* jinghad fil-qosor is-segwenti:

21.1. Illi r-rikorrenti ma resqet l-ebda xhieda fir-rigward ta' l-allegat ksur tad-dritt taghha ta' smiegh xieraq;

21.2. Illi ghalhekk ma jirrizultax li ipprovat dak minnha allegat;

**DECIDE:**

22. Illi in vista tal-istess, din il-qorti tirrespingi wkoll din it-talba tar-rikorrenti;

Ikkunsidrat:

23.0. Illi finalment fir-rigward ta' l-ahhar lanjanza tar-rikorrenti rigwardanti l-artiklu 1 tar-Raba` Protokol tal-imsemmija Konvenzjoni, jinghad sintetikament is-segwenti:

23.1. Illi tali artikolu jiskatta biss kemm -il darba persuna tigi privata mill-liberta` taghha personali a bazi t'inabilita` li tissodisfa *obbligazzjoni* kontrattwali;

23.2. Illi ghandu jkun pacifiku li l-fatti li fihom tinkwadra ruhha l-procedura odjerna huma naxxenti minn reati ta' natura kriminali u mhux minn obbligi ta' natura kontrattwali, u ghalhekk civili;

23.3. Illi ghalhekk ir-referenza ghall-Protokol *de quo* hi biss mossa frivola li zgur li ma twassalx lir-rikorrenti fejn xtaqet hi;

**DECIDE:**

24. Illi in vista tal-premess, tirrespingi wkoll din it-talba tar-rikorrenti;

Ikkunsidrat:

25.0. Illi rigward il-kumpens rikjamat mir-rikorrenti jinghad fil-qosor is-segwenti:

25.1. Illi r-rikorrenti ma jirrizultax li gabet xi provi fir-rigward;

25.2. Illi in effetti l-evoluzzjoni tal-procedura odjerna u ta' dik kriminali precedenti huma t-tnejn naxxenti mill-atti tal-istess rikorrenti li ma setghux ma joholqux *suspett ragonevoli* f'mohh dawk tenuti li jipprotegu lis-socjeta` mill-atti in dizamina, u li kieku dawn ma agixxewx b'dan il-mod hawn riskontrat kienu jonqsu mid-doveri taghhom lejn is-socjeta`;

**DECIDE:**

26. Illi in vista tas-suespost, din il-qorti tirrespingi wkoll din it-talba ghad-danni imresqa mir-rikorrenti;

**DECIDE:**

27. Illi finalment, tenut kont tas-suespost, filwaqt li allura takkolji r-risposti kollha tal-intimati tirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrenti kif fuq elenkati u tordna li l-ispejjez tal-procedura odjerna jkunu a karigu tar-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------